*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,502, 20 ta' Ottubru, 2020*
*Taqsima C*

# Nru. 172

20. 10. 2020

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Edward Zammit Lewis, M.P., Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru 2020.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-età tal-irtirar tal-imħallfin u maġistrati.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Edward Zammit Lewis, M.P., Minister for Justice, Equality and Governance, and read the First time at the Sitting of the 19th October 2020.

**AN ACT to further amend the Constitution relative to the age of retirement of judges and magistrates.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta relattiv għall-età tal-irtirar tal-imħallfin u maġistrati.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (Emenda Nru 5) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni.

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, imħallef tal-Qrati Superjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena:

Iżda imħallef tal-Qrati Superjuri għandu jgħarraf lill-Prim Imħallef u lill-President ta' Malta qabel jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena ladarba jagħżel li jibqa' fil-kariga sakemm jilħaq l-età ta' tmienja u sittin (68) sena.".

**3.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 100 tal-Kostituzzjoni.

"(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), maġistrat tal-qrati inferjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena:

Iżda maġistrat tal-qrati inferjuri għandu jgħarraf lill-Prim Imħallef u lill-President ta' Malta qabel jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena ladarba jagħżel li jibqa' fil-kariga sakemm

jilħaq l-età ta’ tmienja u sittin (68) sena.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huma sabiex l-età tal-irtirar ta’ imħallfin u maġistrati tiġi estiża sa tmienja u sittin sena.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to further amend the Constitution relative to the age of retirement of judges and magistrates.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment No. 5) Act, 2020 and this Act shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** Sub-article (1) of article 97 of the Constitution shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 97 of the Constitution.

"(1) Without prejudice to the provisions of this article, a judge of the Superior Courts shall vacate his office upon reaching the age of sixty-five (65) years:

Provided that a judge of the Superior Courts shall, inform the Chief Justice and the President of Malta of this decision before he reaches the age of sixty-five (65) years once he chooses to remain in office until he reaches the age of sixty-eight (68) years.".

**3.** Sub-article (3) of article 100 of the Constitution shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 100 of the Constitution.

"(3) Without prejudice to sub-article (4), a magistrate of the inferior courts shall vacate his office upon reaching the age of sixty-five (65) years:

Provided that a magistrate of the inferior courts shall, inform the Chief Justice and the President of Malta of this decision before he reaches the age of sixty-five (65) years once he chooses to remain in office until he reaches the age of sixty-eight (68) years.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to extend the age of retirement of judges and magistrates to sixty-eight years.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**